

Brussell, 22 ta' Jannar 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0310 (NLE)

15440/17
ADD 1

AGRI 675
AGRIORG 122
AGRIFIN 130

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	KSA / Kunsill
Nru dok. Cion:	14929/17
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjuniet u rifiżjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat - Adozzjoni

Dikjarazzjoni tal-Litwanja dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1370/2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajjuniet u rifiżjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli, rigward il-limitazzjonijiet kwantitattivi applikabbli għax-xiri sfurzati tat-trab tal-ħalib xkumat

Il-Litwanja tifhem il-kumplessità tas-sitwazzjoni fis-settur tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP, skimmed milk powder). Permezz ta' intervent pubbliku kienu akkumulati ħażniet enormi ta' kważi 400 000 tunnellata u kwantitajiet żgħir ħafna biss inbiegħu s'issa permezz tal-proċedura tas-sejħa għall-offerti. Dan il-fatt għadu qed ipoġġi pressjoni sostanzjali fuq is-suq. Madankollu, fid-dawl tal-effettività tal-miżura waqt il-kriżi reċenti tal-ħalib din irriżultat bħala miżura ta' *salvagwardja* importanti ħafna.

L-objettiv primarju f'li tinstab soluzzjoni għall-problema fis-settur tat-trab tal-ħalib xkumat (SMP) għandu jkun ir-realizzazzjoni rapida tal-ħażniet akkumulati ta' SMP, aktar mis-sospensjoni tal-miżura ta' *salvagwardja*. Mill-perspettiva tal-Litwanja, il-limitu massimu futur ta' xiri potenzjali ta' 109 000 t, li huwa stipulat fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013, huwa *salvagwardja* minima li fl-ebda ċirkostanza ma tista' tiġi mdgħajfa jew abbandunata.

Għaldaqstant, il-Litwanja hija tal-fehma li r-regoli attwali għax-xiri sfurzati għall-SMP għandhom jinżammu. Il-Litwanja thegħġegħ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra kull possibbiltà biex jinbiegħu jew jintużaw il-kwantitajiet ta' SMP akkumulati fil-ħażniet ta' intervent.
